# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 448/2021

**Il-Pulizija**

**(Roderick Agius)**

**vs**

**Judith Bakoush**

Seduta tal-24 ta' Marzu, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Judith Bakoush, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 33691M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja:

1) Bhala persuna li kienet taf jew missha li kienet taf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li taht cirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawzaw offiza fuq il-pesuna jew mewt, xjentement gieghlet lil Paulina Baldacchino ta' 73 sena

issofri, u gab fuqha ugigh fiziku u/jew tbatija mentali mhux gustifikabbli.

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommettiet serq ta' giojjelerija liema serq hu kkwalifikat bil-lok u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-detriment ta' Pauline Baldacchino persuna anzjana ta' 73 sena.

3) U aktar talli fl-istess lok, hin, u cirkostanzi kisret xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqha wara li kienet instabet hatja ta' reat mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D, datata 11 ta' Settembru 2017 u dan bi ksur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba tiratta mal-imputata bhala recidiva ta' sentenzi moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' mil-ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk ikun il-kaz kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali bid-data tat-18 ta' Gunju 2019 li bih baghat lill-imputata sabiex tkun gudikata bil-procedura sommarja ghal dak li hemm mahsub:

Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali

Fl-artikoli 257A(1),(2) u (3) tal-Kodici Kriminali

Fl-artikoli 261, 267, 269 tal-Kodici Kriminali

Fl-artikolu 22 ta-Att dwar il-*Probation*, Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta

Fl-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' Novembru, 2019 quddiem l-ewwel Qorti, l-imputata ddikkjarat li ma kellha l-ebda oggezzjoni sabiex il-kaz kontra taghha jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja u b'hekk kienet radikata l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Novembru, 2021 li biha ma sabitx lill-imputata hatja tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni u minnhom illiberatha izda sabitha hatja tat-tieni imputazzjoni kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva u kkundannatha ghall sitt (6) shur prigunerija. Inoltre ordnat lill-imputata thallas lill-Pauline Baldacchino s-somma ta' €400 bhala kumpens ghat-telf minnha soffert rizultat ta' serq u dan fi zmien sitt (6) xhur minn meta tiskonta l-piena u bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 u biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Pauline Baldacchino rabtet lill-imputata b'obbligazzjoni li ma timmolestax u ma ddejjaqx lill-Pauline Baldacchino taht penali ta' €2,000.00 ghal zmien tnax-il xahar;

Rat ir-rikors tal-appellanta, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Dicembru, 2021, li bih talbet lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti li biha ma sabitx lill-appellanta hatja tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni u mill-aggravju tal-lok fit-tieni imputazzjoni, izda **thassarha** u tirrevokha fejn sabitha hatja tat-tieni imputazzjoni kif ukoll dwar l-addebitu tar-recidiva u minflok tiddikjarha mhux

hatja u tilliberaha minn kull htija u piena jew b'mod alternattiv **tirriforma** s-sentenza appellata inkwantu l-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta;

Rat l-aggravji tal-appellanta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi din hija sentenza preliminari fuq l-ewwel zewg aggravji mressqa mill-appellanta fejn fl-ewwel gravam eccepiet li l-ewwel Qorti qatt ma setghet ssib htija fl-artikolu 279(a) tal-Kapitolu 9 stante li dan qatt ma kien inkluz mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju bhala wiehed mill-artikoli filwaqt illi fit-tieni gravam talbet li tkun sfilzata l-istqarrija taghha mill-atti processwali stante li din ma taqbilx mas-sena u d-data tal-akkadut li bih kienet mixlija l-appellanta;

2. Illi l-ewwel aggravju huwa wiehed fierah u din il-Qorti mhix ser tinoltra fit-tul dwaru. Fir-rinviju ghall-guddizzju citat *supra* l-Avukat Generali mexa fuq dak li bih l-Pulizija originarjament xliet lill-imputata u indika dawk l-artikoli tal-ligi li fil-fehma tieghu kellha tinstab htija. L-artikolu 279(a) tal-Kodici Kriminali mhux wiehed mill-artikoli msemmi fir-rinviju **izda** l-Avukat Generali ma kellux ghalfejn jindika dan l-artikolu u wisq anqas kellha ghalfejn tindikah l-ewwel Qorti u l-fatt li ghamlet dan ma jgib l-ebda konsegwenza kif qed tistenna l-appellanti. L-artikolu 382

tal-Kodici Kriminali li jaghmel dwar dak li ghandu jkun fiha sentenza tal-Qorti jobbliga lill-istess li ssemmi dawk l-artikoli li dwarhom tinstab htija. L-ewwel Qorti ghamlet dan u b'zieda inkludiet l-artikolu 279(a) li huwa l-artikolu tal-ligi li jipprovdi ghall-piena ghal dak ir-reat li dwaru instabet htija. Ghalhekk hija zbaljata l-appellanta meta tghid li l-ewwel Qorti "*qatt ma setghet legalment issib lill-appellanta hatja taht l-artikolu 279(a) tal-Kap 9*" ghaliex dan l-artikolu ma jikkontemplax ir-reat izda l-piena dwaru. Dan ilu hekk stabbilit zgur sa mill-1996 b'sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Trevor Farrugia, datata 29 ta' Jannar, 1996 u ilu hekk deciz b'mod mhux interrott sallum fejn inghad illi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi li s-sentenza jkun fiha l-artikolu tal-Kodici jew ta' xi ligi ohra li jkun jikkontempla r-reat u mhux l-artikolu li jikkontempla l-piena, ghalkemm naturalment diversi artikoli jikkontemplaw (fl-istess disposizzjoni) kemm ir-reat kif ukoll il-piena komminata ghal dak ir-reat. L-artikolu li jikkontempla l-piena la hemm bzonn li jkun ndikat fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju u anqas fis-sentenza. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud.

3. Illi fit-tieni gravam taghha, l-appellanta titlob l-isfilz tal-istqarrija esebita a fol 82 tal-atti processwali ghaliex id-data fuqha ma taqbilx mad-data tal-akkadut. Anke hawn jirrizulta aggravju fierah ghaliex l-atti processwali juru illi dan kien incident sanat quddiem l-ewwel Qorti. L-istqarrija ghandha fuqha d-data tal-25 ta' Settembru, 2017 filwaqt illi l-prosekuzzjoni xliet lill-imputata b'reati li allegatament sehhew fil-25 t'April, 2018. Issa, waqt id-deposizzjoni tieghu, l-ispettur prosekutur gibed l-attenzjoni tal-ewwel Qorti li d-data fuq l-istqarrija hija zbaljata u kkonferma li din ittiehdet fil-25 t'April 2018. Minn qari tal-istess stqarrija

huwa evidenti li dan huwa *lapsus* liema zball kien sanat bil-korrezzjoni tal-istess spettur minghajr ebda rizerva jew protesta da parti tal-imputata. Ghalhekk ukoll dan l-aggravju qed ikun michud;

4. Illi stante li z-zewg aggravji kienu dikjarati fierha, l-Qorti , wara li rat l-artikolu 429(2) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-appellanta ghal-hlas ta' ammenda ta' €200.00.